Artiklu
**Mro Raymond Agius Attard**



# Maestro Giuseppe Caruana (1880-1931) u l-Bażilika ta' Marija Bambina fil-Belt Senglea

Il-Belt għażiża tagħna li ġġib l-isem tal-Gran Mastru stess li waqqafha l-Franċiż Claude de La Sengle, għandha storja rikka u prezzjuża ħafna u bħalma ngħidu għażżewġt ibliet l-oħra tal-Kottonera, nistgħu ngħiduh ukoll għal Beltna. Mill-ibliet l-oħra tal-Kottonera ħarġu nies kbar u mhux b'inqas minn Beltna. Kull Belt fil-Kottonera għandha l-istorja partikolari tagħha, mhux inqas il-Belt għażiża tagħna li fl-istorja rikka tagħha seħħew ħafna ġrajjiet tant importanti. Fost il-ħafna ġrajjiet ta' importanza li seħħew f'Beltna nsibu ġrajja kbira li hi marbuta ma' qalbna li twelidna, għexna u għadna ngħixu hawn f'din il-Belt Qatt Mirbuħa.

1921 – Resqin lejn sena li kemm għal Beltna u għal kull Senglean hija sena tant importanti u li hi minquxa b'ittri tad-deheb mhux biss fl-istorja ta' din il-Belt qatt mirbuħa imma fil-Qlub tagħna lkoll.


MAESTRO GIUSEPPE CARUANA - 1880-1931

Qed nirreferu għal dik il-ġrajja tant storika ta' meta fix-Xatt sabiħ ta' Beltna saret l-inkurunazzjoni Solenni tal-istatwa tant Għażiża ta' Marija Bambina. L-Arċisqof Dom Mauro Caruana kien assistit mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Giovanni Maria Camilleri u l-Isqof Awżiljarju Dumnikan Mons. Angelo Portelli. Huma qiegħdu l-Kuruna tad-Deheb fuq ras l-istatwa tal-Bambina u hekk il-Bambina tagħna saret is-Sultana ta' Beltna. Kienu saru Festi kbar ħafna b'ħafna ħidma u preparamenti.

Wara dik l-introduzzjoni għal dan l-Artiklu niġu biex nidħlu lejn is-suġġett ewlieni. Dan jirrigwardja s-Surmast Giuseppe Caruana u l-Bażilika tagħna. F'dan l-Artiklu se naraw fil-qosor kif dan il-kompożitur Giuseppe Caruana (1880-1931) rabat ismu mhux biss ma' Beltna, imma iktar u iktar mal-Bażilika għażiża tagħna ddedikata lil Marija Bambina Inkurunata Sultana ta' Beltna.

Fost il-ħafna innijiet sbieħ li aħna nkantaw lil Marija Bambina nsibu l-innu tal-Inkurunazzjoni "Issa Ntemmet ix-Xewqa ta' Qalbna." Dan l-innu sabiħ, apparti mill-fatt li hu rikk fil-kliem fejn il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila tana spjegazzjoni mill-iktar profonda tal-imħabba tagħna lejn Marija Bambina u kemm tlabna u għadna nitolbu lill-Bambina biex tidħol għalina fid-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna. Dan l-innu hu mżejjen ukoll bil-mużika u bil-melodija mill-aqwa li l-kompożitur Ġużeppi Caruana kiteb għal dan l-innu fis-sena 1921.

F'din l-okkażjoni hekk storika u importanti, is-Surmast Giuseppe Caruana kien biex ngħidu hekk il-Protagonista fejn tidħol il-Mużika. Dan għaliex apparti mill-fatt li bħalma diġà semmejna iktar 'il fuq kiteb l-innu ta' din l-okkażjoni, imma kiteb ukoll l-Antifona li ndaqqet f'din l-okkażjoni hekk Storika fix-xatt ta' Beltna. Antifona li hu kiteb apposta għal din il-Belt u speċifikament għal din l-okkażjoni, fejn anke fil-Katalgu tax-Xogħlijiet



mużikali tiegħu qiegħda indikata u miktuba b'dan li ġej: Gloriose Virginis Mariae (per voci virili ed Orchestra) (Composta in Occasione dell'Incoronazione della B.V – Senglea), u meta spiċċa din l-Antifona, fl-aħħar paġna tal-Partitura tas-Surmast Direttur apparti milli ffirma ismu Giuseppe Caruana kiteb ukoll id-data 1 ta' Settembru 1921 u spiċċa billi kiteb Viva Marija Bambina.

Din l-Antifona li hi mill l-isbaħ ndaqqet proprju f'dik il-ġurnata Solenni tal-Inkurunazzjoni. Żgur u forsi jekk indaqqet xi ftit drabi wara, imbagħad għal xi raġuni jew oħra kienet inqatgħet u ma ndaqqietx iktar. Għalhekk hu xieraq li issa li qed nersqu lejn is-sena 2021 kif ukoll lejn il-100 sena ta' din il-ġrajja storika nerġgħu nġibu mill-ġdid fostna din l-Antifona u nerġgħu nagħtuha l-ħajja f'għeluq il-100 sena minn meta nkitbet.

Wara li tkellimna dwar l-Antifona u anke Giuseppe Caruana, tajjeb li naraw bi ftit informazzjoni fil-qosor min kien dan il-Kompożitur, li sfortunatament mhux daqsekk magħruf, meta fil-fatt jixraqlu ħafna iktar li jkun magħruf.

Giuseppe Caruana twieled il-Belt Valletta fil-Parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvo u ta' San Duminku ta' Gużman nhar l-1 ta'Ġunju 1880. Il-ġenituri tiegħu kienu, l-omm kien jisimha Lunzjata Callus u missieru Ċensinu Caruana. Kien l-ewwel tifel tagħhom u għammduh l-għada li twieled, jiġifieri nhar it-2 ta' Ġunju 1880 fil-Bażilika ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvo u San Duminku ta' Gużman u tawh l-ismijiet Ġużeppi, Salvatore, Andrea, John u Antonio. Il-Parrini kienu Giuseppe Gauci u Ġużeppina Zammit. Is-Saċerdot li għammed lil Mro Giuseppe Caruana kien Rev. Raymond Falzon O.P.

Kellu ħutu oħra li kienu Rafel, Duminku u Marija li kienet mietet ta' età żgħira ħafna. Minkejja l-qagħda mwiegħra tal-familja, missierhom Ċensu Caruana xorta għamel kulma seta' u rnexxielu li lil uliedu jagħtihom l-aħjar livell ta' edukazzjoni sa fejn seta'. Meta kien żgħir Giuseppe Caruana qal lil missieru li jixtieq jagħtiha għall-mużika u għalhekk missieru kien bagħtu l-iskola li kienet immexxija mis-Surmast Paolino Vassallo. Din kienet l-aħjar u l-aqwa skola tal-mużika f'Malta f'dawk iż-żminijiet.

Imma missier Giuseppe kien bejn ħaltejn. Rafel kien għal Prokuratur Legali u ħuh Domenico għal Spiżjar. Imma Giuseppe kif kien se jaqla' x'jiekol bil-mużika? L-iskola tas-Surmast Vassallo kienet l-aħjar skola tal-mużika li kien hawn f'Malta f'dawk iż-żminijiet. Fiha kien jieħu l-lezzjonijiet kollha tal-pjanu, tal-kant tal-armonija, il-kuntrapunt u tal-istrumentazzjoni. Kellu vuċi ta' tenur mill-aqwa u kien jieħu sehem f'ħafna mill-korijiet immexxija mis-Surmast Paolino Vassallo. Minħabba l-karattru ħelu u minn tagħna li kellu, kien miġjub fuq wiċċ l-idejn minn sħabu u mis-Surmast tiegħu. Fost sħabu l-istudenti ta' Vassallo ta' min insemmu lil Giuseppe Abdilla (1881-1944) li kien Surmast mill-Furjana, lil Patri Dumink Anastasi Agostinjan (1886-1938) li kien mill-Belt Valletta, lil Lorenzo Gonzi mill-Birgu, Dr Paolo Nani (1814-1904), Carlo Diacono (1876-1942) u lil Josie Mallia Pulverenti (1896-1964). Minħabba l-qagħda ekonomika, Caruana qatt ma seta' jmur jistudja l-mużika barra minn Malta.

Min qatt ma sema' jew kanta dak l-innu Ewkaristiku tant popolari fil-knejjes tagħna? Proprju dak hu l-innu li lis-Surmast Giuseppe Caruana tant kisiblu ġieħ, għax dak l-innu Caruana kitbu fis-sena 1913 għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta f'dik is-sena stess. It-test oriġinali kien miktub bit-Taljan "T'adoriam Ostia Divina" u li aktar tard il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila li kiteb it-test oriġinali bit-Taljan qalbu bil-Malti "Nadurawk Ja Ħobż Tas-Sema." Tant dan l-innu ntgħoġob sa mill-ewwel noti tiegħu, b'mod speċjali mill-Kungressisti li kienu Malta għall-Kungress, li l-istess Kungressisti ħaduh magħhom f'pajjiżhom u dan l-innu malajr infirex kważi mad-dinja kollha b'ħafna lingwi differenti, fosthom bil-lingwa oriġinali tat-Taljan u anke bl-Ingliż "Host Divine We Bow In Worship." Kien hemm ukoll xi kungressisti oħrajn minn pajjiżi oħra li ħaduh magħhom f'pajjiżom ukoll u qalbuh ukoll bil-lingwa tagħhom. Kemm tieħu gost meta tkun barra minn Malta bħall-Italja u tmur fil-knisja u tisma' innu bħal dan jitkanta, innu li twieled Malta u nkiteb minn kompożitur Malti. X'unur u kemm tħossok kburi li inti Malti.

Is-Surmast Giuseppe Caruana meta kellu l-età u sar ġuvni beda jaħseb biex jiżżewweġ u jifforma l-familja tiegħu. Għalhekk tħallat mal-Familja ta' Anna Conti u Salvatore Laspina. Kellhom ħdax tfal, imma Giuseppe ħa

grazzja ma' Elena, il-ħames waħda. Ta' Laspina kienu jafuh sew lil Caruana, peress li ħamest ibniet kienu fil-Kor tal-istess Surmast Caruana kif ukoll kienu jmorru għandu biex jitgħallmu l-Mużika. Imma Giuseppe għoġbitu Elena.

Iżżewġu nhar l-24 ta' Ġunju tas-sena 1913 fil-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvo u San Duminku fil-Belt Valletta. Ix-Xiehda għal dan iż-żwieġ kienu Michele Conti u Mro Paolino Vassallo li kien l-għalliem tiegħu. Is-Saċerdot li żewweġ lis-Surmast Caruana ma' Elena Laspina kien l-E.T. Mons. Isqof Angelo Portelli O.P., l-istess Isqof li nhar l-4 ta' Settembru 1921 kien Assista lill-E.T Mons. Arċisqof Dom Mauro Caruana waqt li l-istatwa ta' Marija Bambina kienet qed tiġi inkurunata. Jiġifieri b'dan kollu qed naraw anke r-rabta li Maestro Giuseppe Caruana għandu mal-Belt għażiża tagħna Senglea.


MAESTRO PAOLINO VASSALLO

Għalkemm is-Surmast Caruana għex ħajja verament qasira ta' 51 sena, però l-Patrimonju Kbir li ħallielna hu wieħed verament kbir u sabiħ. Skont id-Dokumenti li għandna f'idejna l-ammont ta' Kompożizzjonijiet ilaħħqu l-500 kompożizzjoni, bħall-Quddies, Tantum Ergi, Antifoni u Salmi, eċċ. Kollha huma kompożizzjonijiet b'vina melodjuża mill l-aqwa.

F'Settembru tal-1931 is-Surmast Caruana beda jinduna li saħħtu sejra lura ħafna bil-mard. Madankollu baqa' għaddej bil-ħidma u bil-kompożizzjonijiet tiegħu u anke bit-tagħlim id-dar u fl-iskejjel tal-Gvern. Fiż-żmien li kien marid ġie mqabbad biex jikteb innu "Re Di Cuori" li aktar tard il-Poeta Dun Frans Camilleri qalbu bil-Malti "Qawwi Qlubna" għall-Festa Liturġika ta' Kristu Re tas-sena 1931 u ibnu Anton kien tellgħu Bieb il-Belt jew kif kien magħruf f'dawk iż-żminijiet Putirjal.

Il-jum wasal però b'xorti ħażina Giuseppe tah attakk qawwi tal-qalb, imma sa waranofsinhar kien għaddielu xi ftit. Mar, jew aħjar tellgħuh ħdejn Putirjal, biex jisma' għall-ewwel darba dan l-innu li kien ikkompona hu. Il-kant u l-mużika kienu ġejjin mix-xagħra tal-Furjana u kif naqraw fuq ħajtu malli sema' dan l-innu nfaqa' jibki u reġa' lura lejn id-dar.

Reġa' beda bir-Rutina tas-soltu, imma nhar il-11 ta' Novembru tah attakk qawwi ieħor tal-qalb u kellu jitla' fuq fis-sodda. Ta' devot kbir li kien miet jitlob bil-ħerqa lill-Madonna u fatt magħruf u dokumentat li waqt li kien qed imut beda jħares 'il fuq u jgħid XI ĠMIEL, XI ĠMIEL u wliedu u ħafna oħrajn li kienu ħdejh dak il-ħin qalu li żgur li kien qed jara lill-Madonna.

Dan kollu ġara lejliet il-Festa ta' Santa Cecilia, Patruna tal-mużika u l-mużiċisti.

Kien nhar il-21 ta' Novembru 1931, meta mdawwar bil-familja u ħafna ħbieb is-surmast Giuseppe Caruana għalaq għajnejh għal din id-dinja u daħal fil-ħajja eterna biex hemm jieħu l-premju mistħoqq għall-ġid kbir li għamel matul il-ħajja qasira tiegħu.

Golden Hands
SALON

**Sandra Farrugia**
*Hair Stylist*

Golden Hands Salon,
Triq il-Kapuccini, Kalkara - Malta.
Telephone: (+356) 2180 0699
Mobile: (+356) 9928 5396

*Monday-Tuesday:* Closed

*Wednesday*-Thursday:
9.30am - 12.30pm

*Friday-Saturday:*
9.30am - 6.00pm